# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1023/99/SM**

**Mary Grace Ebejer**

**vs**

**Christopher Gatt**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-15 ta' Jannar, 1998 fil-limiti tal-Gzira waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. FAS 208, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru AAE 732 proprjeta'**

**tal-attrici, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Illi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (LM520.00,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra ufficjali tat-12 t'April, 1999, tal-konsult (LM12.00,0) u ta' ittra ufficjali ppresentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali in kwistjoni ma garax tort tieghu;**

2. **Illi huwa kien qieghed isuq b'mod prudenti u diligenti u ma kiser ebda regolament tat-traffiku;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

4. **Bl-ispejjez;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-15 ta' Jannar ta' l-1998 ghall-habta tas-1.30 p.m. fi Gzira Road, il-Gzira;**

**2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Maruti bin-numru ta' registrazzjoni AAE-732 misjqua mill-attrici Ebejer u dik tal-marka Maruti wkoll bin-numru ta' registrazzjoni FAS-208 misjuqa mill-konvenut Gatt;**

**3. Illi jirrizulta li waqt li l-attrici kienet qed issuq fil-karreggjata taghha l-konvenut dahal fiha u ikkagunalha d-danni minnha reklamati permezz ta' l-avviz odjern;**

**4. Illi l-ammont ta' danni kkagunat mill-konvenut fuq il-vettura ta' l-attrici jirrizulta li hu ta' sitt mija u seba' u sebghin Lira Maltin, (LM677.00,0), kif jidher mid-dokument immarkat Dok. MGE 1 a fol 26 u mhux dak reklamat fl-avviz fuq indikat;**

**5. Illi l-konvenut Gatt isostni li fil-hin ta' l-incident hu kien qed isuq bi prudenza izda f'hin minnhom tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq peress li kien hemm iz-zejt fit-triq;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm il-konvenut qed jipprova jiskolpa lilhu nnifshu billi jsostni li kien hemm zejt fit-triq, dan ma jezonorahx mill-fatt li hu ghandu d-dover izomm "proper look-out" u jkollu dejjem il-kontroll tal-vettura tieghu biex f'kaz ta' emergenza jevita incidenti;**

**Illi eventwalment dan ma sehhx;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Christopher Gatt unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. Tillikwida d-danni kkagunati lill-attrici fl-ammont ta' sitt mija u seba' u sebghin Lira Maltin, (LM677.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut Christopher Gatt biex ihallas lill-attrici Mary Grace Ebejer l-ammont ta' danni hekk likwidati, bl-ispejjez.

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**